SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

24 ta' Ġunju 2015 *

"Appell — Fond Ewropew għall-iżvilupp reġjonali (FEŻR) — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja — Metodu ta' kalkolu permezz ta' estrapolazzjoni — Proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu mogħti — Konsegwenzi"

Fil-Kawża C-263/13 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2013,

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn A. Rubio González, bħala aġent,

rikorrent,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J. Baquero Cruz u A. Steiblytė, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, S. Rodin, A. Borg Barthet, M. Berger u F. Biltgen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Spanja vs Il-Kummissjoni (T-65/10, T-113/10 u T-138/10, EU:T:2013:93, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet ir-rikorsi tiegħu intiżi għall-annullament tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C (2009) 9270, tat-30 ta' Novembru 2009, C (2009) 10678, tat-23 ta' Diċembru 2009, u C (2010) 337, tat-28 ta' Jannar 2010 (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"deċiżjonijiet appellati"), li jnaqqsu l-għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mogħtija skont, rispettivament, il-programm operattiv "Andalucía", li jaqa' taħt l-Objettiv 1 (1994-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (94) 3456, tad-9 ta' Diċembru 1994, il-programm operattiv "País Vasco" li jaqa' taħt l-Objettiv 2 (1997-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (1998) 121, tal-5 ta' Frar 1998, u l-programm operattiv "Comunidad Valenciana" li jaqa' taħt l-Objettiv 1 (1994-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (1994) 3043/6, tal-25 ta' Novembru 1994.

Il-kuntest ġuridiku

2 Skont it-termini tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340), "[i]rregolarità għandha tfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-budget ġenerali tal-Komunità jew il-budget mmexxi minnhom, jew billi jnaqqas jew jitlef id-dħul li jakkumula minn riżorsi tagħhom stess miġbura direttament għan-nom tal-Komunità, jew permezz ta'nefqa mhux ġustifikata".

3 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan l-istess regolament jipprovdi li:

"Il-perjodu tal-limitazzjoni għall-proċeduri għandu jkun ta' erba' snin minn meta l-irregolarità li ssir msemmija f'Artikolu 1(1) tkun ġiet kommessa. Madankollu, ir-regoli settorjali jistgħu jipprovdu għal perjodu iqsar li ma jistax ikun anqas minn tliet snin".

4 L-FEŻR inħoloq permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 724/75, tat-18 ta' Marzu 1975 (ĠU L 73, p. 1, u rettifika ĠU 1975, L 110, p. 44), emendat diversi drabi mbagħad issostitwit, mill-1 ta' Jannar 1985, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1787/84, tad-19 ta' Ġunju 1984, rigward il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), (ĠU L 169, p. 1).

5 Matul is-sena 1988, is-sistema tal-Fondi Strutturali ġiet irriformata bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88, tal-24 ta' Ġunju 1988, dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effikaċja tagħhom u dwar il-koordinament tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investimenti u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 185, p. 9).

6 Ir-Regolament Nru 2052/88, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1989, kellu jiġi eżaminat mill-ġdid mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, f'terminu li kien jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1993.

7 Dan ir-regolament ġie wkoll emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/93, tal-20 ta' Lulju 1993 (ĠU L 193, p. 5), li huwa stess kellu jiġi eżaminat mill-ġdid qabel il-31 ta' Diċembru 1999.

8 Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-Fondi Strutturali [Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) taqsima "Gwida", Fond Soċjali Ewropew (FSE) u FEŻR] li huma intiżi li jikkoreġu l-iżbilanċi reġjonali ewlenin fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi jippromwovu l-iżvilupp u l-aġġustament

strutturali tar-reġjuni li jinsabu lura fl-iżvilupp (“Objettiv Nru 1”) u billi jikkonvertu r-reġjuni, ir-reġjuni tal-fruntiera jew partijiet mir-reġjuni (inklużi s-swieq tax-xogħol u l-komunitajiet urbani) li huma serjament milquta mid-deklin industrijali (“Objettiv Nru 2”).

9 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2052/88, kif emendat mir-Regolament Nru 2081/93 (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Nru 2052/88”), intitolat “Kompatibbiltà u kontroll”, jipprovdi fl-ewwel paragrafu tiegħu:

“Il-miżuri ffinanzjati mill-Fondi Strutturali jew li jirċievu assistenza mill-[Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)] jew minn strument finanzjarju ieħor eżistenti għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, mal-istrumenti adottati in segwitu tagħhom u mal-politiki Komunitarji, inklużi dawk li jikkonċernaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni, l-għoti ta’ kuntratti pubbliċi u l-protezzjoni ambjentali kif ukoll il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88, tad-19 ta’ Diċembru 1988, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti, minn naħa waħda, bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħrajn li jeżistu, minn naħa l-oħra (ĠU L 374, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2083/93, tal-20 ta’ Lulju 1993 (ĠU L 193, p. 20, iktar ’il quddiem ir-“Regolament Nru 4253/88”) jipprovdi fl-Artikolu 23 tiegħu, intitolat “Kontroll finanzjarju”:

“1. Sabiex jiġi ggarantit is-suċċess tal-operazzjonijiet immexxija minn promoturi pubbliċi jew privati, l-Istati Membri għandhom jieħdu, fl-implementazzjoni tal-operazzjonijiet, il-miżuri neċessarji sabiex:

— jivverifikaw fuq bażi regolari li l-operazzjonijiet finanzjati mill-komunità twettqu kif suppost,

— jipprevjenu l-irregolaritajiet u jittrattawhom,

— jirkupraw il-fondi mitlufa bħala riżultat ta’ abbuż jew negliġenza. Ħlief meta l-Istat Membru u/jew l-intermedjarju u/jew il-promotur jipprovdu prova li ma kinux responsabbli għall-abbuż jew għan-negliġenza, l-Istat Membru għandu jkun responsabbli b’mod sussidjarju għar-rimbors tas-somom imħallsa indebitament. [...]

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda għal dawk l-iskopijiet, u, b’mod partikolari, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deskrizzjoni tas-sistemi ta’ kontrolli u ta’ amministrazzjoni stabbiliti sabiex jiżguraw l-implementazzjoni effiċjenti tal-operazzjonijiet. Huma għandhom regolarment jinformaw lill-Kummissjoni bil-progress ta’ proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji.

[...]

2. Bla ħsara għall-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri konformement għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 206 tat-Trattat [KEE] u għal kull ispezzjoni magħmula abbażi tal-Artikolu 209(c) tat-Trattat, uffiċjali jew impjegati tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu kontrolli fuq il-post, b’mod partikolari f’forma ta’ kampjuni, tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali u tas-sistemi ta’ amministrazzjoni u ta’ kontroll.

[...]

3. Il-korp u l-awtoritajiet responsabbli għandhom iżommu disponibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta’ sostenn li jirrigwardaw l-infiq u l-kontrolli dwar kull proġett għal perijodu ta’ tliet snin wara l-aħħar pagament fir-rigward ta’ proġett.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 L-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 intitolat “Tnaqqis, sospensjoni u tneħħija tal-għajnuna”, jipprovdi:

“1. Jekk it-twettiq ta’ azzjoni jew ta’ miżura jkun jidher li ma jiġġustifikax la parti u lanqas l-intier tal-għajnuna finanzjarja allokata, il-Kummissjoni għandha tagħmel eżami xieraq tal-każ fil-kuntest tal-kooperazzjoni, billi titlob b’mod partikolari lill-Istat Membru jew lill-awtoritajiet magħżula minnu għall-implementazzjoni tal-azzjoni, sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f’terminu stabbilit.

2. Wara dak l-eżami, il-Kummissjoni tista’ tnaqqas jew tissospendi l-għajnuna għall-azzjoni jew għall-miżura kkonċernata jekk l-eżami jikkonferma l-eżistenza ta’ irregolarità jew bidla sostanzjali li taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni tal-azzjoni jew tal-miżura u li għaliha approvazzjoni tal-Kummissjoni ma tkunx ġiet akkwistata.

[...]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 Skont it-termini tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4254/88, tad-19 ta’ Diċembru 1988, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi implementat ir-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, p. 15), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2083/93, tal-20 ta’ Lulju 1993 (ĠU L 193, p. 34), intitolat “Kontroll tal-kompatibbiltà”, “[f]il-każijiet xierqa u skont proċeduri rilevanti għal kull politika, l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni l-elementi rigward l-osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament [...] Nru 2052/88”.

13 Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv għall-Iżvilupp u l-Bidla tar-reġjuni u mal-kumitat previst fl-Artikolu 147 tat-Trattat KE u filwaqt li għamlet riferiment għall-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 4253/88, il-Kummissjoni adottat diversi regolamenti ta’ implementazzjoni, fejn fosthom insibu r-Regolament (KE) Nru 2064/97, tal-15 ta’ Ottubru 1997, li jistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 4253/88 fir-rigward tal-kontroll finanzjarju mill-Istati Membri tal-operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi Strutturali (ĠU L 290, p. 1)

14 L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2064/97 jipprovdi:

“1. Mhux aktar tard mill-mument tal-applikazzjoni għal ħlas finali u d-dikjarazzjoni finali tan-nefqa rigward kwalunkwe forma ta’ għajnuna, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni [...] ippreparata minn persuna jew korp indipendenti b’mod funzjonali mis-servizz ta’ eżekuzzjoni. Din id-dikjarazzjoni għandha tagħti fil-qosor il-konklużjonijiet tal-kontroll imwettaq fis-snin ta’ qabel u għandha tiżen il-validità tal-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet koperti miċ-ċertifikat finali tal-ispiża.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tindika n-nuqqasijiet serji kkonstatati fil-ġestjoni jew il-kontroll jew il-frekwenza għolja ta’ irregolaritajiet irreġistrati, f’każ li dawn in-nuqqasijiet u irregolaritajiet jimpedixxu li jiġu stabbiliti b’mod pożittiv rigward il-validità tat-talba għall-ħlas finali u d-dikjarazzjoni finali tan-nefqa. Id-dikjarazzjoni għandha wkoll, f’dawn iċ-ċirkustanzi, tagħti stima tad-daqs tal-problema u l-impatt finanzjarju tagħha.

F’dak il-każ, il-Kummissjoni tista’ titlob kontroll addizzjonali bil-għan li jiġu stabbiliti l-irregolaritajiet u tinkiseb korrezzjoni tagħhom f’terminu speċifiku.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

15 Fil-15 ta’ Ottubru 1997, il-Kummissjoni adottat ukoll linji gwida interni rigward korrezzjonijiet finanzjarji netti fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88. Fil-punti 5 u 6 tal-imsemmija linji gwida interni, il-Kummissjoni tispeċifika li, permezz ta’ deroga mir-regola li tgħid li kull korrezzjoni finanzjarja netta tirrigwarda unikament l-irregolarità jew l-irregolaritajiet identifikati, korrezzjoni finanzjarja iktar serja hija madankollu prevista fil-każ fejn il-Kummissjoni jkollha raġunijiet validi sabiex taħseb li l-irregolarità kienet sistematika, li tkun

tirrifletti, konsegwentement, nuqqas sistematiku fil-ġestjoni, fil-kontroll jew fil-verifika li jista' jinsab ukoll f'serje ta' każijiet simili. Sabiex tkun tista' twettaq tali korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni tipproċedi permezz ta' estrapolazzjoni, jiġifieri li hija tieħu inkunsiderazzjoni l-livell u l-ispeċifiċità tal-istruttura amministrattiva implikata f'tali nuqqas kif wkoll il-portata preżunta tal-abbuż.

16 Ir-Regolamenti Nru 2052/88 u Nru 4253/88 ġew imħassra, b'effett mill-1 ta' Jannar 2000, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31).

17 Konformement mal-Artikolu 2(1) tiegħu, ir-Regolament Nru 1260/1999 japplika għall-FEŻR, għall-FSE, għall-FEGGA, it-taqsima ta' "Gwida", u l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFG).

18 Skont l-Artikolu 39 ta' dan ir-regolament, intitolat "Korrezzjonijiet finanzjarji":

"1. L-Istati Membri għandhom, l-ewwel nett, jerfgħu r-responsabbiltà biex jinvestigaw l-irregolaritajiet, waqt li jaġixxu fuq l-evidenza ta' xi bidla kbira li taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijet għall-implimentazzjoni jew is-superviżjoni ta' l-għajnuna u biex jagħmlu l-korrezzjonijet finanzjarji meħtieġa.

L-Istat Membru għandu jagħmel il-korrezzjonijet finali meħtieġa b'konnessjoni ma' l-irregolarità individwali jew sistematika. Il-korrezzjonijiet magħmula mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fil-kanċellament tal-kontribuzzjoni Komunitarja kollha jew parti minnha. Il-fondi Komunitarji rilaxxati b'dan il-mod jistgħu jerġgħu jintużaw mill-Istat Membru għall-għajnuna konċernata, b'konformità ma l-arranġamenti li għandhom jiġu definiti skond Artikolu 53(2).

2. Jekk, wara li jintemmu l-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

a) Stat Membru ma mexiex skond l-obbligi tiegħu taħt il-paragrafu 1;

jew

b) operazzjoni sħiħa jew parti minnha ma tiġġustifikax la l-kontribuzzjoni kollha mill-Fondi u lanqas parti minnha

jew

(ċ) hemm nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' kontroll u l-amministrazzjoni li jistgħu jwasslu għal irregolaritajiet sistematiċi,

il-Kummissjoni għandha tissospendi l-ħlasijiet provisorji in kwestjoni u, waqt li tispjega r-raġunijiet tagħha, titlob lill-Istat Membru jissottometti l-kummenti tiegħu u, fejn ikun approprjat, jagħmel korrezzjonijiet, fi żmien speċifikat.

Jekk l-Istat Membru joġġezzjona għall-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jiġi mistieden għal smigħ mill-Kummissjoni, li fih iż-żewġ naħat f'kooperazzjoni ibbażata fuq is-sħubija jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jilħqu ftehim dwar l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet li jirrisultaw minnhom.

3. Fi tmiem il-perjodu stabbilit mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ma jkunx intlaħaq ftehim u l-Istat Membru ma jkunx għamel il-korrezzjonijiet u waqt li tagħti kas tal-kummenti magħmula mill-Istat Membru, tiddeċiedi fi żmien tliet xhur li:

a) tnaqqas il-ħlas akkont [...]

jew

b) tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa billi tikkanċella l-kontribuzzjoni tal-Fondi kollha jew parti minnha lill-għajnuna konċernata.

Il-Kummissjoni għandha meta tiddeċiedi dwar l-ammont ta' korrezzjoni tieħu in konsiderazzjoni, b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, it-tip ta' irregolarità jew bidla u d-daqs jew l-implikazzjonijet finanzjari tan-nuqqasijiet misjuba fis-sistemi ta' l-amministrazzjoni jew ta' kontroll ta' l-Istati Membri.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni li taġixxi skond (a) jew (b) is-sospensjoni tal-ħlas provisorju għandha tintemm immedjatament.

[...]"

19 Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 1999, dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 102), li jħassar ir-Regolament Nru 4254/88, ma jinkludix regoli dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji.

20 L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001, tat-2 ta' Marzu 2001, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 155), huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-perjodu ta' żmien li matulu, l-Istat Membru konċernat jista' jirrispondi għal talba taħt l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 sabiex jippreżenta l-kummenti tiegħu u, fejn xieraq, jagħmel korrezzjonijiet, għandu jkun ta' xahrejn, għajr f'każijiet iġġustifikati kif dovut fejn jista jsir ftehim għal perjodu itwal mill-Kummissjoni.

2. Fejn il-Kummissjoni tipproponi korrezzjonijiet finanzjarji fuq il-bażi ta' estrapolazzjoni jew fuq rata bażi, l-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità sabiex juri, permezz ta' eżaminazzjoni tal-fajls konċernati, li l-kobor veru ta' l-irregolarità kien inqas mill-istima tal-Kummissjoni. Bi qbil mal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jillimita l-għan ta' din l-eżaminazzjoni għal proporzjon jew kampjun xieraq tal-fajls konċernati. Għajr f'każijiet iġġustifikati kif dovut, il-ħin permess għal din l-eżaminazzjoni m'għandux jaqbeż perjodu ieħor ta' xahrejn wara l-perjodu ta' xahrejn li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1. Ir-riżultati ta' eżaminazzjoni bħal din għandhom jiġu analizzati bil-mod speċifikat fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999. Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe evidenza pprovduta mill-Istat Membru fi ħdan il-limiti ta' żmien.

3. Kull meta l-Istat Membru joġġezzjona għall-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u ssir seduta taħt it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, il-perjodu ta' tliet xhur li matulu l-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni taħt l-Artikolu 39(3) ta' dak ir-Regolament għandu jibda mid-data tas-seduta."

21 Ir-Regolament Nru 1260/1999, li kellu jiġi eżaminat mill-ġdid mill-Kunsill mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006, tħassar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, p. 25), li japplika, skont l-Artikolu 1(1) tiegħu, għall-imsemmija fondi, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi previsti mir-regolamenti li jirregolaw kull waħda minn dawn il-fondi.

22 Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, p. 1), ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni rigward il-proċedura dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. L-istess jgħodd għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006, tat-8 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1083/2006 u tar-Regolament Nru 1080/2006 (ĠU L 371, p. 1).

23 L-imsemmija korrezzjonijiet finanzjarji huma s-suġġett tar-regoli komuni għal dawn it-tliet fondi, stabbiliti fl-Artikoli 99 sa 102 tar-Regolament Nru 1083/2006.

24 L-Artikolu 100 ta' dan l-aħħar regolament, intitolat "Proċedura" jipprovdi:

"1. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tiftaħ il-proċedura billi tinforma lill-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet provviżorji tagħha u titlob lill-Istat Membru jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahrejn.

Fejn il-Kummissjoni tipproponi korrezzjoni finanzjarja abbażi ta' estrapolazzjoni jew b'rata fissa, l-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li juri, permezz ta' eżami tad-dokumentazzjoni konċernata, li l-miżura reali ta' l-irregolarità kienet inqas mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Bi qbil mal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżami għal proporzjon jew kampjun xieraq tad-dokumentazzjoni konċernata. Ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, iż-żmien mogħti għal dan l-eżami m'għandux ikun aktar minn perjodu ieħor ta' xahrejn wara l-perjodu ta' xahrejn imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' kwalunkwe prova provduta mill-Istat Membru fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Fejn l-Istat Membru ma jaċċettax il-konklużjonijiet provviżorji tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jiġi mistieden mill-Kummissjoni għal smigħ, li fih iż-żewġ naħat f'koperazzjoni bbażata fuq is-sħubija għandhom jagħmlu sforz sabiex jilħqu ftehim dwar l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu minnhom.

4. F'każ ta' ftehim, l-Istat Membru jista' jerġa' juża l-fondi Komunitarji konċernati konformement mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 98(2).

5. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar il-korrezzjoni finanzjarja fi żmien sitt xhur mid-data tas-smigħ b'kont meħud ta' l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha preżentati matul il-proċedura. Jekk ma jsir l-ebda smigħ, il-perjodu ta' sitt xhur għandu jibda jiddekorri xahrejn wara d-data ta' l-ittra ta' stedina mibgħuta mill-Kummissjoni."

25 L-Artikolu 108 tar-Regolament Nru 1083/2006, intitolat "Dħul fis-seħħ", jistabbilixxi fl-ewwel u fit-tieni paragrafi tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 1 sa 16, 25 sa 28, 32 sa 40, 47 sa 49, 52 sa 54, 56, 58 sa 62, 69 sa 74, 103 sa 105, u 108 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament biss għal programmi għall-perjodu 2007-2013. Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007."

26 Ir-Regolament Nru 1083/2006 tħassar permezz tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu

Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 347, p. 320), fejn l-Artikolu 145(6) tiegħu jipprovdi li, "[s]abiex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fi żmien sitt xhur mid-data tas-smigħ, jew mid-data tal-wasla ta' informazzjoni addizzjonali meta l-Istat Membru jaqbel li jissottometti din l-informazzjoni addizzjonali wara s-seduta ta' smigħ, [li l-]Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha sottomessi matul il-proċedura [u li, j]ekk ma jseħħ l-ebda seduta ta' smigħ, il-perjodu ta' sitt xhur għandu jibda jiddekorri xahrejn wara d-data tal-ittra tal-istedina għas-seduta ta' smigħ mibgħuta mill-Kummissjoni".

27 Konformement mal-Artikolu 154 tar-Regolament Nru 1303/2013, l-Artikolu 145 ta' dan ir-regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

28 L-Artikolu 145 jagħmel parti mir-raba' parti tar-Regolament Nru 1303/2013, li tinkludi d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-FEŻR, għall-FSE, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew għal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni u l-kontroll, l-amministrazzjoni finanzjarja, il-kontijiet u l-korrezzjonijiet finanzjarji.

29 La r-Regolament (UE) Nru 1301/2013, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, p. 289), u lanqas ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014, tat-3 ta' Marzu 2014, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ĠU L 138, p. 5), ma jinkludu dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-proċedura dwar korrezzjonijiet finanzjarji li jistgħu jiġu deċiżi mill-Kummissjoni.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjonijiet appellati

30 Il-fatti li taw lok għal din il-kawża, hekk kif huma esposti fil-punti 1 sa 9 tas-sentenza appellata, jistgħu jitqassru kif ġej.

31 Permezz tad-Deċiżjonijiet tagħha C (94) 3456, tad-9 ta' Diċembru 1994, C (98) 121, tal-5 ta' Frar 1998, u C (1994) 3043/6, tal-25 ta' Novembru 1994, il-Kummissjoni approvat, rispettivament, il-programmi operattivi "Andalucía", li jaqa' taħt l-Objettiv Nru 1 (1994-1999), "País Vasco", li jaqa' taħt l-Objettiv Nru 2 (1997-1999), u "Comunidad Valenciana", li jaqa' taħt l-Objettiv Nru 1 (1994-1999).

32 Fil-waqt tal-verifiki tal-għeluq ta' dawn il-programmi, il-Kummissjoni għażlet ċerti proġetti għall-finijiet ta' verifika. L-eżami ta' dawn il-kampjuni wassal għal numru ta' irregolaritajiet, fejn uħud minnhom kienu jirrepetu ruħhom u kienu jikkonsistu essenzjalment fi ksur tar-regoli tal-Unjoni rigward il-kuntratti pubbliċi kif ukoll tar-regoli applikabbli fil-kuntest tal-Fondi Strutturali. Dawn l-irregolaritajiet kienu kklassifikati mill-Kummissjoni bħala sistematiċi.

33 Wara korrispondenza numeruża bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Spanjoli, din l-istituzzjoni ddeċidiet li tnaqqas l-għajnuna mill-FEŻR mogħtija lil kull wieħed mill-programmi operattivi msemmija iktar 'il fuq billi testrapola minn dawn tal-aħħar kollha kemm huma l-iżbalji sistematiċi li hija kienet tqis li skopriet fil-waqt tal-eżami tal-kampjuni.

34 B'mod iktar partikolari, fil-kuntest tal-verifika tal-għeluq rigward il-programm operattiv "Andalucía", il-Kummissjoni għażlet kampjun każwali ta' 37 proġett fuq 5 319 għal ammont ta' EUR 870 341 396, jiġifieri 16.69 % tal-ammont finali tal-ispejjeż iddikjarati, abbażi ta' kampjun ta' unità monetarja u bl-għajnuna tas-software Audit Command Language (ACL), tagħmir ta' verifika permezz tal-kompjuter. Il-konklużjonijiet ta' din il-verifika kienu ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet Spanjoli

fir-rapporti tad-19 ta' Ottubru 2004 u tal-10 ta' April 2006. Wara korrispondenza numeruża ta' osservazzjonijiet u ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Spanjoli, saret seduta fi Brussell (il-Belġju) fit-2 u fit-3 ta' Lulju 2008. Din is-seduta waslet lill-awtoritajiet Spanjoli sabiex jimpenjaw ruħhom li jippreżentaw informazzjoni addizzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-operazzjonijiet rilevanti fit-terminu ta' tliet ġimgħat. Din l-informazzjoni addizzjonali ġiet ippreżentata permezz tal-ittri tat-22 ta' Lulju u tal-5 ta' Awwissu 2008. Il-Kummissjoni indirizzat il-konklużjonijiet finali tagħha lill-awtoritajiet Spanjoli permezz tal-ittra tad-19 ta' Marzu 2009. Dawn tal-aħħar wieġbu permezz tal-ittra tal-21 ta' April 2009.

35 Permezz tad-Deċiżjoni tagħha C (2009) 9270, tat-30 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni naqset b'EUR 219334437.31 l-għajnuna mogħtija mill-FEŻR, għal ammont ta' EUR 3323249050.16, għall-programm operattiv "Andalucía". Dan it-tnaqqis jikkorrispondi għall-estrapolazzjoni tal-programm operattiv kollu kemm hu tal-irregolaritajiet li kienu kklassifikati mill-Kummissjoni bħala sistematiċi.

36 Fil-kuntest tal-verifika tal-għeluq rigward il-programm operattiv "País Vasco", il-Kummissjoni għażlet kampjun każwali ta' 37 proġett fuq 3 348 għal ammont ta' EUR 266 765 981, li kien jikkorrispondi għal 36.98 % tal-ispejjeż finali ddikjarati, billi użat l-istess metodu li hija kienet użat għall-programm operattiv "Andalucía". Ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' din il-verifika kienu ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet Spanjoli fir-rapporti tas-17 ta' Awwissu 2005 u tal-24 ta' Settembru 2007. Wara korrispondenza numeruża ta' osservazzjonijiet u ta' informazzjoni, saret seduta fi Brussell fit-22 u fit-23 ta' Jannar 2009. Din is-seduta waslet lill-awtoritajiet Spanjoli sabiex jimpenjaw ruħhom li jippreżentaw informazzjoni dwar l-ammissibbiltà tal-operazzjonijiet inkwistjoni fit-terminu ta' tliet ġimgħat. Din l-informazzjoni ġiet ippreżentata permezz tal-ittra tas-16 ta' Frar 2009 u permezz tal-posta elettronika tal-10, tat-23 u tal-24 ta' Frar 2009. Il-Kummissjoni indirizzat il-konklużjonijiet finali tagħha lill-awtoritajiet Spanjoli permezz tal-ittra tad-29 ta' Lulju 2009. Dawn tal-aħħar wieġbu permezz tal-ittra tal-15 ta' Settembru 2009.

37 Permezz tad-Deċiżjoni tagħha C (2009) 10678, tat-23 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni naqset b'EUR 27884692.27 l-għajnuna mogħtija mill-FEŻR, għal ammont ta' EUR 301 152 434, għall-programm operattiv "País Vasco". Dan it-tnaqqis jikkorrispondi għall-estrapolazzjoni tal-programm operattiv kollu kemm hu tal-irregolaritajiet li kienu kklassifikati mill-Kummissjoni bħala sistematiċi.

38 Fil-kuntest tal-verifika tal-għeluq rigward il-programm operattiv "Comunidad Valenciana", il-Kummissjoni għażlet kampjun każwali ta' 38 proġett fuq 7 862 għal ammont ta' EUR 607075404.63, li kien jikkorrispondi għal 28.72 % tal-ispejjeż finali ddikjarati, billi użat l-istess metodu li hija kienet użat fiż-żewġ programmi operattivi l-oħra. Ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' din il-verifika kienu ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet Spanjoli fir-rapporti tal-10 ta' Ġunju 2004 u tal-10 ta' April 2006. Wara korrispondenza numeruża ta' osservazzjonijiet u ta' informazzjoni, bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Spanjoli, saret seduta fi Brussell fl-4 u fil-5 ta' Novembru 2008. Din is-seduta waslet lill-awtoritajiet Spanjoli sabiex jimpenjaw ruħhom li jippreżentaw informazzjoni addizzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-operazzjonijiet inkwistjoni fit-terminu ta' tliet ġimgħat. Din l-informazzjoni ġiet ippreżentata permezz tal-ittra tal-24 ta' Novembru 2008. Il-Kummissjoni indirizzat il-konklużjonijiet finali tagħha lill-awtoritajiet Spanjoli permezz tal-ittra tad-29 ta' Mejju 2009. Dawn tal-aħħar wieġbu permezz tal-ittra tat-3 ta' Lulju 2009 u permezz tal-posta elettronika tas-7 ta' Lulju 2009.

39 Permezz tad-Deċiżjoni tagħha C (2010) 337, tat-28 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni naqset b'EUR 115612377.25 l-għajnuna mogħtija mill-FEŻR, għal ammont ta' EUR 1298056426.49, għall-programm operattiv "Comunidad Valenciana". Dan it-tnaqqis jikkorrispondi għall-estrapolazzjoni tal-programm operattiv kollu kemm hu tal-irregolaritajiet li kienu kklassifikati mill-Kummissjoni bħala sistematiċi.

Ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

40 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali rispettivament fil-11 ta' Frar 2010 (Kawża T-65/10), fit-8 ta' Marzu 2010 (Kawża T-113/10) u fl-24 ta' Marzu 2010 (Kawża T-138/10), ir-Renju ta' Spanja ppreżenta rikors għal annullament tad-deċiżjonijiet appellati.

41 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-26 ta' April 2010, dawn it-tliet kawżi ngħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

42 Insostenn ta' dawn ir-rikorsi, ir-Renju ta' Spanja kien invoka erba' motivi. L-ewwel wieħed kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88, sa fejn il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq korrezzjonijiet finanzjarji previsti f'din id-dispożizzjoni permezz tal-estrapolazzjoni. It-tieni motiv, invokat sussidjarjament, kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 u tal-Artikolu 4(3) TUE, sa fejn l-ebda insuffiċjenza tas-sistema ta' amministrazzjoni, ta' kontroll jew ta' verifika ma ġiet ikkonstatata għall-kuntratti emendati inkwistjoni. It-tielet motiv, invokat ukoll sussidjarjament, kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88, sa fejn il-kampjun tal-proġetti użat mill-Kummissjoni sabiex twettaq il-korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-estrapolazzjoni ma kienx rappreżentattiv tal-programmi operattivi inkwistjoni. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 kif ukoll tal-prinċipju tal-osservanza tat-terminu raġonevoli, sa fejn il-Kummissjoni marret lil hinn mit-terminu impost sabiex twettaq il-korrezzjonijiet finanzjarji inkwistjoni.

43 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali suċċessivament ċaħdet ir-raba', l-ewwel, it-tieni u t-tielet motivi u, għalhekk, l-imsemmija rikorsi fl-intier tagħhom.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

44 Fl-appell tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża u tannulla d-deċiżjonijiet appellati; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

45 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell; u

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

L-argumenti tal-partijiet

46 Insostenn tal-appell tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jqajjem żewġ aggravji. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet meta kkunsidrat li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 jikkostitwixxi bażi legali li tippermetti lill-Kummissjoni sabiex twettaq korrezzjonijiet finanzjarji bbażati fuq estrapolazzjoni. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, ir-Renju ta' Spanja jikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żbalji ta' liġi għal dak li jirrigwarda l-kontroll tal-affidabbiltà, tal-koerenza, tar-rilevanza u tal-karattru adegwat tal-estrapolazzjoni li l-Kummissjoni użat f'dan il-każ, sa fejn, l-ewwel nett, il-popolazzjoni tal-kampjun użat kienet allegatament stabbilita abbażi tal-ispejjeż

iddikjarati u mhux abbażi tal-għajnuna mogħtija, it-tieni nett, l-ispejjeż li ma kinux ġew ikkofinanzjati u li kienu ġew irtirati minn dan l-Istat Membri kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni f'dan il-kuntest, it-tielet nett, il-kampjun użat mill-Kummissjoni kien ikkaratterizzat minn nuqqas ta' omoġenità u, ir-raba' nett, l-imsemmi kampjun ma kienx jippreżenta livell suffiċjenti ta' affidabbiltà.

47 Il-Kummissjoni essenzjalment issostni li l-ewwel aggravju għandu jiġi ddikjarat infondat. Fir-rigward tat-tieni aggravju, dan iqajjem kwistjonijiet ta' fatt, ħekk li għandu jiġi ddikjarat inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, iddikjarat bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

48 Sabiex tittieħed deċiżjoni dwar dan l-appell, għandu jiġi nnotat qabel kollox li, permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq ir-rikorsi għal annullament ippreżentati mir-Renju ta' Spanja billi ċaħdithom wara li ddikjarat li kienu infondati l-erba' motivi invokati insostenn ta' dawn ir-rikorsi minn dan l-Istat Membru.

49 B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali eżaminat fl-ewwel lok ir-raba' motiv, ibbażat essenzjalment fuq il-fatt li d-deċiżjonijiet appellati kienu ġew adottati mill-Kummissjoni fit-terminu li ma setax jitqies li huwa raġonevoli. Il-Qorti Ġenerali madankollu, fil-punt 56 tas-sentenza appellati, ċaħdet dan il-motiv bħala infondat. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet ir-regolarità formali tad-deċiżjonijiet appellati.

50 Madankollu, f'dan ir-rigward jirriżulta mill-motivi stabbiliti fil-punti 56 sa 89 kif ukoll 93 u 94 tas-sentenzi Spanja vs Il-Kummissjoni (C-192/13 P, EU:C:2014:2156) u Spanja vs Il-Kummissjoni (C-197/13 P, EU:C:2014:2157) li l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni ta' korrezzjoni finanzjarja hija, mis-sena 2000, suġġetta għall-osservanza tat-terminu legali u li t-tul ta' dan it-terminu jvarja skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.

51 Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, ma jeżisti l-ebda element ta' natura li jikkontesta din il-ġurisprudenza, li, għal kuntrarju, tapplika f'dan il-każ.

52 Għalhekk, skont l-Artikolu 100(5) tar-Regolament Nru 1083/2006, il-Kummissjoni tiddeċiedi fuq il-korrezzjoni finanzjarja fis-sitt xhur wara d-data tas-smigħ u, jekk ma jkunx hemm smigħ, il-perijodu ta' sitt xhur jibda xahrejn wara d-data li fiha tkun intbagħtet l-ittra ta' stedina mill-Kummissjoni.

53 Mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 108 tar-Regolament Nru 1083/2006 jirriżulta li l-imsemmi Artikolu 100 kien sar applikabbli mill-1 ta' Jannar 2007, inkluż għall-programmi qabel il-perijodu 2007-2013.

54 Issa, f'dan il-każ, is-seduti tar-Renju ta' Spanja saru, rispettivament, fit-2 u fit-3 ta' Lulju 2008 għall-programm operattiv "Andalucía", fit-22 u fit-23 ta' Jannar 2009 għall-programm operattiv "País Vasco" u fl-4 u fil-5 ta' Novembru 2008 għall-programm operattiv "Comunidad Valenciana". Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet appellati, marbuta mal-imsemmija programmi, biss, rispettivament, fit-30 ta' Novembru 2009, fit-23 ta' Diċembru 2009 u fit-28 ta' Jannar 2010.

55 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma osservatx, f'din il-kawża, it-terminu ta' sitt xhur stabbilit mill-Artikolu 100(5) tar-Regolament Nru 1083/2006.

56 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, minn naħa, in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' proċedura dwar l-adozzjoni ta' att li jikkawża preġudizzju, bħan-nuqqas ta' adozzjoni, mill-Kummissjoni, tad-deċiżjoni appellata fit-terminu stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali (ara s-sentenzi Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, 68/86,

EU:C:1988:85, punti 48 u 49; Spanja vs Il-Kummissjoni, C-192/13 P, EU:C:2014:2156, punt 103, kif ukoll Spanja vs Il-Kummissjoni, C-197/13 P, EU:C:2014:2157, punt 103) u li, min-naħa l-oħra, jekk il-qorti tal-Unjoni tikkonstata, waqt l-eżami tal-att inkwistjoni, li dan ma ġiex adottat b'mod regolari, hija għandha tislet il-konsegwenzi mill-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u konsegwentement, tannulla l-att ivvizzjat b'tali difett (ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs ICI, C-286/95 P, EU:C:2000:188, punt 51; Il-Kummissjoni vs Solvay, C-287/95 P u C-288/95 P, EU:C:2000:189 punt 55; Spanja vs Il-Kummissjoni, C-192/13 P, EU:C:2014:2156, punt 103, kif ukoll Spanja vs Il-Kummissjoni, C-197/13 P, EU:C:2014:2157, punt 103).

57 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li, ħlief għal każijiet partikolari bħal, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-qrati tal-Unjoni, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq motiv ta' liġi mqajjem *ex officio*, anki ta' ordni pubbliku, mingħajr ma qabel tistieden lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-imsemmi motiv (ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, C-89/08 P, EU:C:2009:742, punt 57, kif ukoll UASI vs National Lottery Commission, C-530/12 P, EU:C:2014:186, punt 54).

58 Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar it-terminu li fih deċiżjoni ta' korrezzjoni finanzjarja għandha tiġi adottata, għandu jiġi osservat li, fil-kuntest tal-kawżi li wasslu għas-sentenzi Spanja vs Il-Kummissjoni (C-192/13 P, EU:C:2014:2156) u Spanja vs Il-Kummissjoni (C-197/13 P, EU:C:2014:2157), li kienu jirrigwardaw kwistjonijiet fattwali u legali essenzjalment identiċi, ir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni diġà kellhom l-opportunità li jiddiskutu din il-kwistjoni. Barra minn hekk, fl-imsemmija kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet talbet lill-partijiet sabiex jiffokaw l-ilmenti tagħhom fuq l-imsemmija kwistjoni.

59 Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza minn dak iż-żmien 'il quddiem ġiet ikkonfermata diversi drabi mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenzi Spanja vs Il-Kummissjoni, C-429/13 P, EU:C:2014:2310, u Spanja vs Il-Kummissjoni, C-513/13 P, EU:C:2014:2412).

60 Sussegwentement, minn naħa, il-Kummissjoni kellha okkażjoni sufiċjenti sabiex tippreżenta, fil-kuntest ta' proċedura kontradittorja, il-motivi u l-argumenti tagħha dwar il-portata tat-terminu impost fl-Artikolu 100(5) tar-Regolament Nru 1083/2006 u, min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil din id-dispożizzjoni għandha titqies li hija stabbilita.

61 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li din il-kawża tikkostitwixxi każ partikolari, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 57 ta' din is-sentenza, u li ma hemmx lok li l-partijiet jiġu mistiedna sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom minħabba tali motiv.

62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet appellati bi ksur tat-terminu legali preskritt mil-leġiżlazzjoni tal-Kunsill.

63 Konsegwentement, meta ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati mir-Renju ta' Spanja minflok ma ssanzjonat il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali li bihom kienu vvizzjati d-deċiżjonijiet appellati, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

64 Għalhekk, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

Fuq ir-rikorsi fl-ewwel istanza

65 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Hija b'hekk tista' tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

66 F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi definittivament ir-rikorsi intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet appellati ppreżentati mir-Renju ta' Spanja quddiem il-Qorti Ġenerali.

67 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi osservat li, għar-raġunijiet stabbiliti fil-punti 50 sa 63 ta' din is-sentenza, id-deċiżjonijiet appellati għandhom jiġu annullati minħabba ksur tal-forom proċedurali sostanzjali.

Fuq l-ispejjeż

68 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

69 L-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-Regoli, jipprovdi li l-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Renju ta' Spanja rebaħ fil-kuntest tal-appelli u peress li r-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali ntlaqgħu, hemm lok, konformement mat-talbiet tar-Renju ta' Spanja, li tikkundanna lill-Kummissjoni tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn dan l-Istat Membru, kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest tal-appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Spanja vs Il-Kummissjoni (T-65/10, T-113/10 u T-138/10, EU:T:2013:93) hija annullata.**

2) **Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C (2009) 9270, tat-30 ta' Novembru 2009, C (2009) 10678, tat-23 ta' Diċembru 2009, u C (2010) 337, tat-28 ta' Jannar 2010, li jnaqqsu l-għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mogħtija skont, rispettivament, il-programm operattiv "Andalucía", li jaqa' taħt l-Objettiv 1 (1994-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (94) 3456, tad-9 ta' Diċembru 1994, il-programm operattiv "País Vasco" li jaqa' taħt l-Objettiv 2 (1997-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (1998) 121, tal-5 ta' Frar 1998, u l-programm operattiv "Comunidad Valenciana" li jaqa' taħt l-Objettiv 1 (1994-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (1994) 3043/6, tal-25 ta' Novembru 1994, huma annullati.**

3) **Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbati l-ispejjeż tar-Renju ta' Spanja u l-ispejjeż tagħha, inkorsi kemm għall-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll għal dan l-appell.**

Firem